32006D0853

29.11.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 331/21

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUPOL COPPS/2/2006

## tal-21 ta' Novembru 2006

## dwar il-ħatra tal-Kap ta' Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS)

(2006/853/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/797/PESK ta' l-14 ta' Novembru 2005 dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 11(2) ta' l-Azzjoni Konġunta 2005/707/PESK jipprovdi li l-Kunsill jawtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti skond l-Artikolu 25 tat-Trattat, inkluża d-deċiżjoni li jaħtar, fuq proposta tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, Kap ta' Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija.

(2) Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli ppropona l-ħatra tas-Sur Colin SMITH.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Is-Sur Colin SMITH huwa b'dan maħtur bħala Kap ta' Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS), mill-1 ta' Jannar, 2007.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2007.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Novembru 2006.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*
*Il-President*
T. TANNER

([1]) ĠU L 300, 17.11.2005, p. 65.